# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 438/2021/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Jean-Pierre Sammut**

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Jean-Pierre Sammut**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 0496676(M) akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-18 ta' Marzu 2020, għall-ħabta tad-21.04hrs waqt li kien fil-Gżejjer Maltin:

1. uża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew eżebixxa xi materjal miktub jew stampat li kien ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra ġab ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda jew vjolenza razzjali jew

reliġjuża kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identita' tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk ħoloq il-probabbilita' li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibegħda razzjali jew reliġjuża;

2. permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat;

3. permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, għamel użu ieħor mhux xieraq bih.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-22 ta' Novembru 2021, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 49(a) u 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontrih u kkundannatu piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospizi għal żmien sentejn (2) minn dakinhar li ngħatat is-sentenza għar-rigward l-ewwel imputazzjoni flimkien ma' multa ta' tlett elef Euro (€3,000) għar-rigward it-tieni u t-tielet imputazzjoni. L-Ewwel Qorti, a tenur ta' Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabilita' tiegħu taħt Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv tas-sentenza, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fid-9 ta' Diċembru 2021 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: *"tirrevoka s-sentenza fl-ismijiet suċitati u tilliberah minn kull ħtija u piena u fl-eventwalita' li l-ewwel aggravju ma jintlaqax biss, tvarja s-sentenza mogħtija billi tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta li tirrifletti l-fatti suesposti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li wassal lill-Prosekuzzjoni sabiex l-appellant jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti b'numru ta' imputazzjonijiet.

Illi fl-affidavit ta' **PS 1482 Bjorn Schembri** (*a fol.* 7 *et seq.*) jingħad li fid-19 ta' Marzu 2020 il-Pulizija tad-distrett rċeviet rapport minn għand Lawrence Attard li l-appellant kien għamel kumment fuq pjattaforma elettronika. Allegatament dan il-kumment kien ixerred l-mibegħda razzjali kontra nies ta' razza Lhudija. Fl-istess affidavit, PS Schembri jgħid li l-appellant ġie mitkellem fid-19 ta' Mejju 2020 fejn hu ċċara li *"The International Jewish Conspiracy"* hu titolu ta' għaqda mafjuża.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tiegħu l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli telenka l-kumment preċiż li wassal għall-ħtija u fuq kollox f'liema kuntest ġie miktub tali test. Jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tistħarreġ x'inhi l-*"International Jewish Conspiracy Theory"*. Jgħid li l-aqwa prova hija nieqsa minħabba li ma ġiex ippreżentat it-test kollu tal-kumment u jsostni li ma jirriżultax prova tal-*mens rea* u lanqas jidher l-*actus reus*. Jgħid li l-kumment tiegħu ma kienx intiż sabiex joħloq mibegħda iżda biss biex joħloq diskussjoni u li tali kumment ma kienx indirizzat lejn kull min huwa ta' nisel Lhudi iżda għal mafja Lhudija.

Illi fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni l-appellant jilmenta li huwa qatt ma hedded li ser jagħmel xi reat u dwar it-tielet (3) imputazzjoni jilmenta li din għandha titqies superfluwa u li hija intiża biss bħala mezz għall-fini.

Illi l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-ewwel aggravju billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi wieħed mill-ilmenti mressqa mill-appellant fl-ewwel aggravju tiegħu huwa li l-Ewwel Qorti naqset milli tidentifika liema kumment wassalha għal konklużjoni tagħha.

Illi filwaqt li l-Qorti tinnota li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti ngħatat fil-22 ta' Novembru 2021, jingħad ukoll li fl-14 ta' Diċembru 2021 Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie sostwit b'Att Numru LXV tal-2021 liema Att għamel xi tibdiliet fl-Artikolu msemmi. Minkejja dawn it-tibdiliet, xejn ma tbiddel ta' sustanza fejn jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant f'dan il-każ u li tagħha huwa nstab ħati mill-Ewwel Qorti.

Illi għandu jingħad li filwaqt li bħala stat ta' fatt imkien f'Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jissemma li l-Ewwel Qorti trid tidentifika l-frażi eżatta, fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qieset il-frażijiet kollha magħmula mill-appellant bħala kummenti razzisti kontra l-komunita' Lhudija (*a fol.* 36). Għalhekk l-ilment tal-appellant dwar in-nuqqas tal-kumment preċiż li wassal għall-ħtija huwa bla bażi.

Illi l-appellant jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti naqset milli tistħarreġ x'inhi l-*"International Jewish Conspiracy Theory"*. Dwar dan din il-Qorti tirrimarka li huwa paċifiku li kull Qorti trid tieħu d-deċiżjoni skont dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u dana in konsiderazzjoni tad-duttrina legali *quod non est in actis non est in mundo*. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li minkejja li meta l-appellant ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 26 *et seq.*) huwa eżebixxa dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "JPS 1" (*a fol.* 30) li huwa dokument mill-Wikipedia ntitolat *"Zionist Occupation Government Conspiracy Theory"* u li jirreferi għall-*"The International Jewish Conspiracy"*, mingħajr ma' din il-Qorti tnaqqas mill-valur tas-sit Wikipedia l-Qorti tirrileva li mhux kull ma hemm imniżżel fis-sit Wikipedia huwa neċessarjament korrett.

Illi l-appellant isemmi li *"The International Jewish Conspiracy"* hija assoċjazzjoni mafjuza. Frankament din il-Qorti hija perplessa b'din il-prova u ssibha diffiċli ssib kliem adegwat sabiex tiddeskrivi dak li ma huwa xejn ħlief *a conspiration theory* u bħala tali hija nieqsa minn kull element ta' prova.

Illi din il-proċedura mhijiex proċedura għax wieħed għamel kumment kontra assoċjazzjoni kriminali, hija liema hija. Iżda din il-proċedura hija dwar avveniment fejn persuna, bil-kliem tagħha, tkun qed tipprova tqajjem mibegħda kontra, f'dan il-każ, grupp ta' persuni. Tajjeb jiġi mfakkar li hemm sentenzi sħaħ mogħtija mill-Qrati Taljani li jippruvaw l-eżistenza tal-assoċjazzjoni tal-mafja. Bil-kontra l-estratt ippreżentat mill-appellant meħud mis-sit Wikipedia huwa mimli konġetturi. Anke jekk wieħed jaqra dak li hemm fl-estratt in kwistjoni jirriżultalu li t-teorija msemmija mill-appellant hija teorija antisemita.

Illi l-appellant jilmenta wkoll li fl-atti jonqos l-aqwa prova minħabba li ma ġiex preżentat il-kumment kollu. F'dan ir-rigward il-Qorti tirreferi għal dak li xehed l-appellant quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 26 *et seq.*) fejn huwa ammetta li l-frażijiet in kwistjoni kitibhom huwa. Għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li għandha l-aqwa prova minħabba din l-ammissjoni.

Illi l-appellant jilmenta wkoll li huwa ma kellux l-intenzjoni li joħloq mibegħda iżda ried li joħloq diskussjoni. F'Dok. "LA 1" (*a fol.* 23) jirriżulta li l-appellant kiteb hekk:

> *"Unfortunately, the Coronavirus saga (which is partially a hoax) is in the hands of The International Jewish Conspiracy.*
>
> *Truth is that things are not as terrible as the (jewish-controlled) media is saying. The potential maximum number of victims in Malta is 2,500. I would sacrifice them while going back to business as usual.*
>
> *But the Jewish Conspiracy is telling us that victims could be much more numerous. What for? FOR THE PLEASURE OF SEEING US JAMMED."*

Illi minn analiżi ta' dak appena ċitat jirriżulta li l-appellant isemmi kemm *"The International Jewish Conspiracy"* kif ukoll li l-verita' dwar il-pandemija tal-COVID-19 mhux ħażina daqs kemm il-"*(jewish controlled) media*" tgħid. Din il-frażi ma għandha x'taqsam xejn ma "*The International Jewish Conspiracy*".

Illi din il-Qorti tqies li l-portata tat-teorija marbuta mal-*"International Jewish Conspiracy"* minnha nnifisha hija evidenza li l-appellant qed ixerred ideat intiżi sabiex joħolqu mibegħda kontra s-soċjeta' Lhudija. Fl-analiżi tagħha din il-Qorti tiffoka fuq il-frażi fit-tieni paragrafu tal-kummenti tal-appellant fejn jidentifika settur tal-*media* li skont huwa jiġi kkontrollat mil-Lhud. Fil-fehma ta' din il-Qorti, tali identifikazzjoni kellha biss l-għan li tpoġġi f'dawl ikrah tali sezzjoni abbażi tar-razza tagħha bl-intenzjoni li jipprova

jqajjem sentiment ta' mibegħda kontra dan is-segment ta' razza li fi kliem l-appellant tikkontrolla l-*media*.

Illi, tenut kont ta' dak kollu li ngħad hawn fuq, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant, huwa jilmenta li qatt ma hedded li jwettaq reat. Mid-diċitura tal-kummenti miktuba mill-appellant din il-Qorti tinnota li ma hemmx xi theddida f'dan is-sens u konsegwentement il-Qorti ser tilqa' l-ewwel aggravju fejn jirrigwarda t-tieni (2) imputazzjoni.

Illi rigward tit-tielet (3) imputazzjoni l-appellant jgħid li din hija superfluwa. Il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Dr. Alfred Grech** (Numru 344/2012) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Meta fil-paragrafu (ċ) jingħad li "jagħmel użu ieħor mhux xieraq" (sottolinear tal-qorti) isegwi li dik id-dispożizzjoni titratta minn għemil li ma jikkonsistix neċessarjament f'theddid iżda li, bl-applikazzjoni tar-regola *eiusdem generis*, huwa għemil ieħor li jittrasmetti lil ħaddieħor messaġġ li jagħmel ħsara, jdejjaq, jivvessa jew joffendi lil ħaddieħor u għaldaqstant ma hux għemil xieraq. Anki jekk, għalhekk, il-messaġġi in kwistjoni ma jitqiesux theddid iżda jitqiesu bħala messaġġi vulgari dan hu biżżejjed sabiex jinkwadraw f'dak projbit bil-paragrafu (ċ) msemmi in kwantu huma messaġġi li tal-anqas idejjqu, jivvessaw jew joffendu lil min jirċevihom u effettivament dejjqu, ivvessaw u offendew lil min irċevihom. Din hi l-konsegwenza tal-applikazzjoni korretta tar-regola *eiusdem generis* għall-interpretazzjoni tal-portata tal-paragrafu (ċ) msemmi." [emfażi miżjuda]

Illi tenut kont ta' dak li ġie ċċitat hawn fuq, li din il-Qorti taqbel miegħu, jirriżulta li dak li ngħad mill-appellant u li hu ġie mixli dwaru quddiem l-Ewwel Qorti kienu tali li raġonevolment setgħu jdejqu sezzjoni tas-soċjeta' li hija ta' oriġini Lhudija. Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi milqugħ biss fejn jirrigwarda t-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju l-appellant jilmenta li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda sproporzjonata u eċċessiva. Jilmenta li ma ġiex applikat il-prinċipju tal-assorbiment tal-piena.

Illi huwa paċifiku li din il-Qorti ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti jekk taqa' fil-parametri stabbiliti mil-liġi. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jean Pierre Farrugia** (Numru 447/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' reviżjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"*[1]."

Illi sfortunatament illum in-*networks* ta' komunikazzjoni qegħdin spiss jintużaw sabiex minflok ikun hemm parteċipazzjoni intelliġenti f'diskuzzjonijiet miftuħa għal pubbliku biex jagħmlu l-kummenti tagħhom, isiru kummenti li Artikolu 82A tal-Kapitolu 9

[1] **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek**, deċiza nhar il-25 ta' Awwissu 2005.

tal-Liġijiet ta' Malta huwa intiż li jipprevjeni li jsiru. Huwa proprju għalhekk li l-Qrati għandhom jaraw illi apparti li ssir ġustizzja fil-konfront tal-vittmi ta' dan ir-reat tfittex illi din l-imġieba devjanti titrażżan.

Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti erogat piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li ġew sospiżi għal żmien sentejn (2) fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannat lill-appellant iħallas multa ta' tlett elef Euro (€3,000) fir-rigward tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni.

Illi l-Qorti tinnota li l-piena fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni hekk kif mogħtija mill-Ewwel Qorti hija fil-minimu stabbilit f'Artikolu 82A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana stante li l-piena taħt dan l-artikolu hija dik minn sitt (6) xhur sa tmintax (18)-il xahar priġunerija. B'hekk il-piena fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux eċċessiva anzi fil-minimu tal-parametri dettati mil-liġi. Apparti minn hekk, l-appellant ibbenefika minn sentenza ta' priġunerija sospiża.

Illi dwar il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti fir-rigward tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni, filwaqt li din il-Qorti tinnota li l-appellant għandu jkun liberat mit-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu u dana minħabba r-raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx il-prinċipju tal-*piu' comprende il meno*. Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi."

Illi dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu appena ċitat, il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fil-5 ta' Ġunju 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. *Omissis*** (Numru 49/2002/1) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Di fatti dan il-kunċett insibuh biss fl-Artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar il-konkors ta' reati u pieni. Is-subinċiz (h) tal-Artikolu 17 jiddisponi li meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt kwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi. Dan ifisser li tkun instabet ħtija għaż-żewġ reati jew aktar kontra l-ħati u mhux li reat jikkanċella l-eżistenza ta' xi reat ieħor li jkun serva bħala mezz għall-fini biex jiġi kommess r-reat. Hija biss għall-fini ta' piena li r-reat li serva bħala mezz għall-fini ma jittieħedx in konsiderazzjoni, imma dikjarazzjoni ta' ħtija dwaru jkun hemm dejjem u għalhekk dar-reat ikun jeżisti u jakkompanja lir-reat l-ieħor."

Illi filwaqt li l-Qorti tinnota li aktar 'il fuq ingħad li din il-Qorti laqgħet l-ewwel aggravju tal-appellant fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, tenut kont tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni li din il-Qorti kkonfermat li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet lill-appellant ħati tagħhom, din il-Qorti tinnota li għandu jiġi applikat Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tal-imputazzjonijiet li tagħhom din il-Qorti kkonfermat il-ħtija fl-appellant. B'hekk għandu jkun hemm temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti b'dan illi filwaqt li l-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija sospiża għal sentejn ser tiġi konfermata, il-multa ta' tlett Euro (€3,000) erogata fis-sentenza appellata ser tiġi kanċellata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell *in parte* u għalhekk tgħaddi biex tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni addebitati kontrih u tikkonferma wkoll il-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-

Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospizi għal żmien sentejn (2) b'dan illi dan il-perjodu għandu jibda jiddekorri millum;

- tħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fejn instabet ħtija fl-appellant fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata kontrih u b'hekk tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni u tħassar ukoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat multa ta' tlett elef Euro (€3,000);

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**